# LEHEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 27 DIĊEMBRU 1968

### IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

## ŻEWĠ AVVENIMENTI KBAR

Dan l-aħħar kellna żewġ avvenimenti kbar fil-parroċċa tagħna li jixirqilhom tifkira f'dan il-foljett parrokkjali.

L-ewwel wieħed: il-ftuħ u t-tberik solenni tal-Knisja minn Mons. Arċisqof, avveniment li fakkarna b'festi xierqa li għalqu bil-festa tal-patrun tagħna San Ġiljan. F'din l-okkażjoni l-parroċċa tagħna rat eluf ta' nies barranin li ġibdithom il-kurżità li jaraw b'għajnejhom il-knisja tagħna. Għoġbithom u ħafna mill-kommenti tagħhom inisslu fina sens ta' soddisfazzjon li issa għandna knisja li għalkemm għad jonqosha ħafna ħwejjeġ li jagħmluha isbaħ milli hi, iżda li biha nistgħu ninqdew tajjeb u bi frott għall-ġid spiritwali tagħna.

L-avveniment l-ieħor kien il-Missjoni l-Kbira, li għal ħmistax-il ġurnata tat skussatura spiritwali lill-parroċċa tagħna. Għalkemm mingħajr festi u ċelebrazzjonijiet klamorużi, il-Missjoni kellha s-suċċessi tagħha, nisperaw, fil-qlub. U hawnhekk nixtieq nirringrazzja, u nispera li nkun qed nesprimi s-sentimenti ta' kulħadd, lis-saċerdoti missjunarji, li b'sens ta' dedikazzjoni u ta' zelu, intefgħu għal dan ix-xogħol.

B'dawn iż-żewġ avvenimenti stampajna paġna ġdida fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Tajna bidu għall-programm: TIĠDID SPIRITWALI FI KNISJA ĠDIDA, li issa rridu nkomplu nwettquh u lkoll kemm aħna, kleru u lajċi, irridu nagħtu s-sehem tagħna ħalli dan il-programm ma jibqax biss fuq il-karta, imma jsir il-gwida tal-ħajja tagħna ta' kuljum.

Il-Bambin iberikkom.

IL-KAPPILLAN.

**Il-Kappillan u l-qassisin l-oħra jixtiequ permezz ta' dan il-foljett iwasslu l-isbaħ xewqat lill-ġiljaniżi kollha għall-Milied u s-sena l-ġdida.**

**Milied Nisrani — Milied bi Tqarbina.**

## PROGRAMM TAL-FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

**15 ta' Diċembru:** Tibda n-Novena tal-Milied li bħas-soltu noffruha għall-benefatturi ħajjin u mejtin li taw 20 ġebla għall-Knisja l-ġdida.

**Kuljum:** Fis-6.00 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-6.30 p.m. Quddiesa Kantata bil-ministri li fiha jkantaw il-Pueri Cantores tal-Parroċċa tagħna.

*N.B.* — Fil-Ħdud il-quddiesa kantata ssir filgħodu fit-8.00 a.m.

**24 ta' Diċembru:** Lejlet il-Milied. Fil-11.00 p.m. Funzjoni Liturġika li tikkonsisti f'kant ta' salmi u ta' carols u qari mill-Iskrittura Mqaddsa, u tagħlaq bil-priedka tat-tifel. F'nofs il-lejl: Konċelebrazzjoni Solenni.

*N.B.* — Illum ikun hemm qrar mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m. Tħallux il-qrar għal waqt il-funzjoni ta' bil-lejl għax is-saċerdoti jkunu okkupati bil-funzjoni u ma jkunux jistgħu jqarrukom.

**30 ta' Diċembru:** Jibdew il-Kwaranturi. Matul il-ġurnata kollha Ġesù jkun espost jistenniena biex immorru ninviżtawh. Fis-6.00 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-priedka u wara Quddiesa letta.

**31 ta' Diċembru:** Ikomplu l-kwaranturi. Fis-6.00 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-priedka u Quddiesa letta. Wara l-quddiesa Rendikont tas-sena mill-Kappillan u *Te Deum* b'ringrazzjament lil Alla fl-għeluq ta' sena oħra.

**1 ta' Jannar:** Ikomplu l-kwaranturi. Fl-4.30 p.m. għasar kantat, priedka ta' l-Ewwel tas-Sena u Purċissjoni Ewkaristika li tgħaddi minn Lapsi, St. Angelo, Carmel u Main Streets, bħala egħluq tal-kwaranturi. Fis-6.30 p.m. quddiesa bħas-soltu.

---

## DUTTRINA TAT-TFAL

### Għat-tfal li se jagħmlu l-Preċett u l-Griżma

1. Kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa mill-5.00 p.m. sal-5.30 p.m. fil-kmamar tad-Duttrina ħdejn il-Knisja l-ġdida.
2. Rosary School: it-Tnejn u l-Ħamis mill-4.30 p.m. sal-5.00 p.m.
3. Mużew (subien biss): Kuljum barra l-Erbgħa u s-Sibt fis-6.00 p.m.

### Għas-subien ta' wara l-Griżma

1. It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa fis-6.00 p.m. fil-Knisja l-qadima.
2. Fil-Kunvent tal-Bon Kunsill, Paceville, nhar ta' Ġimgħa fil-5.30 p.m.
3. Il-Mużew (Mensija Street): kuljum barra l-Erbgħa u s-Sibt fis-6.00 p.m.

### Għall-bniet ta' wara l-Griżma

Fil-Knisja tal-Kunċizzjoni nhar ta' Ħamis fil-5.00 p.m.
Ħdejn il-Knisja l-ġdida t-Tnejn u l-Ġimgħa fil-5.00 p.m.
Fir-Rosary School, it-Tniejn u l-Ħamis fl-4.30 p.m.

Il-ġenituri għandhom id-dmir li jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim tad-duttrina fejn l-aktar li jaqblilhom, skond il-post fejn joqogħdu. Għandhom minn fejn jagħżlu u ftit jistgħu jkunu skużati jekk ma jibagħtuhomx.

## GHAL RUH DUN ARTUR

Fl-14 ta' Diċembru Dun Artur jagħlaq 14-il sena mejjet. Ħafna ma jafuhx, imma ħafna għadhom jiftakru l-figura xwejħa tiegħu speċjalment fis-sigħat li kien jgħaddi fil-konfessjonarju jqarar. Niftakru fih u ngħidu talba għal ruħu.

---

## IL-QRAR

Qegħdin nippubblikawlkom hawn taħt orarji bil-ħinijiet li fihom il-Konfessuri tagħna se joqogħdu għall-qrar. Għalkemm aħna, kif tafu intom, noqogħdu nqarru anki nhar ta' Ħadd waqt il-quddies, iżda ma nixtiequx li intom taħsbu li dan hu l-aktar ħin adattat għall-qrar. Aħna dan nagħmluh għal dawk il-ftit li nafu li ma jistgħux jiġu jqerru f'ħin ieħor. Imma ħafna oħrajn — fosthom anki ħafna tfal — qegħdin jeħduha drawwa li jqerru nhar ta' Ħadd filgħodu. Li tqerru bil-għaġġla waqt il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd la hu tajjeb għalikom u lanqas għall-konfessur. Huwa fl-interess tagħkom li l-qassis mhux biss jisma dnubietkom u jagħtikom l-assoluzzjoni, imma jrid ikollu ż-żmien biex jagħtikom xi pariri, u jmexxikom fit-triq tal-ħajja spiritwali tagħkom.

Għalhekk agħżlu xi ħin ma' tul il-ġimgħa jew nhar ta' Sibt u tħallux il-qrar għal nhar ta' Ħadd.

---

### TIME TABLE

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** mis-6.30 sat-8.00 a.m. — mis-6.30 sas-7.30 p.m.
**L-Erbgħa:** mis-6.30 sat-8.00 a.m. — mid-9.00 sad-9.30 a.m.
**Is-Sibt:** mis-6.30 sat-8.00 a.m. — mid-9.00 sad-9.30 a.m. — mill-5.00 sas-7.30 p.m.

---

## TFAL LI GHAMLU L-PRIEDKA TAL-MILIED

Dawn it-tfal għamlu l-prieka tal-Milied fil-parroċċa tagħna:

1953: George Cordina; 1954: John Tanti; 1955: John Mallia; 1956: Pio Dalli; 1957: Paul Mifsud; 1958: Charles Coppola; 1959: Mario Vassallo; 1960: Jeffrey Schembri; 1961: Ronald Sammut; 1962: Manuel Debono; 1963: Charles Pace; 1964: Vincent Barbara; 1965: Mario Amaira; 1966: Francis Saliba; 1967: Victor Micallef — l-ewwel wieħed fil-Knisja l-ġdida.

## L-IMĠIBA FIL-KNISJA

Jiddispjaċini ngħid li fil-maġġuranza l-Maltin ma jġibux ruħhom tajjeb fil-knisja f'dak li huwa rispett u edukazzjoni elementari. Issa li f'San Ġiljan hawn knisja kbira li n-nies toqgħod bil-kumdità, ma hemmx skuża meta jsir ħafna storbju. Ħalli nsemmi ftit mill-osservazzjonijiet li għamilt, speċjalment waqt il-quddies:

Flok jimxu fuq ponot subgħajhom, ħafna nisa jagħmlu storbju bit-tkaken stiletto meta jidħlu fil-knisja.

Ġenituri jagħtu sold lit-tfal żgħar tagħhom waqt il-quddies. Dawn jaqgħalhom is-sold; għalhekk issa tisma' ħoss ta' sold fl-art fuq naħa u issa fuq naħa oħra tal-knisja.

Nies — irġiel u nisa — jagħmlu storbju biex iqumu u joqogħdu fuq il-bankijiet. Oħrajn flok jimxu fuq l-art bejn il-bankijiet, jimxu fuq il-medda li qiegħda biex wieħed joqgħod għarkobbtejh fuqha. B'hekk mhux biss ikunu qed jagħmlu storbju imma jħammġu l-post fejn iridu joqogħdu għarkobbtejhom.

Nies jisogħlu bħal baqar flok bil-prudenza.

Nies igħaddu minn quddiem is-Sagrament qisu ma hemm ħadd; uħud lanqas biss jagħmlu ġenuflessjoni, oħrajn kemm kemm jilwu rkobbithom.

Nies jitkellmu u jħarsu 'l hawn u 'l hemm, speċjalment nisa, qishom daħlu t-talkies, minflok ma jinxteħtu għarkobbtejhom jinviżtaw is-Sagrament malli jidħlu.

Dawn in-nies tarahom jużaw l-aħjar imġiba jekk imorru għand xi ħadd li għandhom bżonnu. Lil dawn kollha ngħidilhom: jekk intom konvinti li fuq l-artal hemm Ġesù Sagramentat u li għandkom bżonnu aktar mill-bnedmin kollha tad-dinja, allura ġibu ruħkom mill-aħjar meta tmorru f'daru — il-knisja.

J. E. STORACE.

---

## PAGEANT KBIR TAL-MILIED

Din is-sena se jkollna fil-parroċċa tagħna Pageant kbir fl-okkażjoni tal-Milied. Dan jikkonsisti f'xeni mill-ġrajja tal-Milied akkompanjati bil-kant tas-St. Julian's Choir u tal-Pueri Cantores tal-parroċċa tagħna.

Dan il-pageant se jsir fil-knisja. L-għada tal-Milied, 26 ta' Diċembru, isir għal kulħadd. Jerġa' jsir is-Sibt, 28 ta' Diċembru, imma dak in-nhar ikun hemm xi postijiet riservati.

Il-ħin ikun dejjem fis-6.00 p.m. u l-quddiesa ta' filgħaxija tkun fil-5.30 p.m.

---

**EJJEW GĦALL-FIERA TAL-MILIED**
**fis-St. Julian's Hall**
**fil-21 u fit-22 ta' Diċembru.**

"EMPIRE PRESS" — Floriana